MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 134/1996/1

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni illi permezz tagħha s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet :

Illi hija debitur tal-konvenut fl-ammont ta' erbat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm4800) import ta' kambjala (Dok "A") datata 29 ta' Novembru, 1994 skaduta fid-29 ta' Diċembru 1994 oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-ħlas effettiv .

Illi fil-fehma ta' l-attur il-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti peress illi l-kreditu mitlub huwa ċert, likwidu u dovut  peress illi jirriżulta mid-dokument hawn esebit .  Għalhekk iħoss li din l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-Artikli 167 sa l-Artiklu 170 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili għandha taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u tat-termini legali .

Illi l-attur qed jesebixxi wkoll affidavit a tenur tal-Liġi .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex :

1. Tiddeċidi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u dan ai termini ta' l-Artiklu 167 sa l-Artikolu 170 tal-Kodiċi u Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili .

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine jħallas is-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm4,800) kif fuq ingħad .

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imgħaxijiet legali mid-data tad-29 ta' Diċembru 1994 sad-data tal-ħlas effettiv .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi kkonfermata bil-ġurament ta' Carmel Camilleri .

Rat id-dokumenti esebiti ma' l-istess ċitazzjoni, u ċioe' bħala dokument A, kambjala ; u bħala dokument B, l-affidavit ta' l-istess Carmel Camilleri .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenut illi saret permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni, u dana kif jirriżulta mir-riferta relattiva li ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju, 2005 .

Innutat illi l-istess konvenut debitament imsejjaħ tlett darbiet sabiex jidher għal din l-udjenza naqas illi jidher .

Il-Qorti, wara li semgħet lil Dr. Chris Said għan-nom tas-soċjeta' attriċi jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni għadu kollu dovut, għal hekk u peress illi jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira maltija (Lm4800) bl-imgħaxijiet legali mid-29 ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------